## IL-PAĠNA TAL-LEĠJUN TA' MARIJA



# Il-Leġjun ta' Marija joffri taħriġ għaċ-ċittadinanza inklussiva

Alfred Grech
Membru tal-Leġjun ta' Marija



Il-Fundatur tal-Leġjun ta' Marija, is-Serv ta' Alla, Frank Duff, bena din l-Għaqda ftit iktar minn seklu ilu fuq l-ispirtwalità Marjana tal-Qaddis Franġiż San Lwiġi Marija Grignon de Montfort.

Fiż-żgħożija tiegħu Frank Duff kien qara *t-Trattat tad-Devozzjoni Vera lejn Marija* ta' San Lwiġi kemm-il darba u kien baqa' impressjonat. Ma kinitx sorpriża allura li, barra l-*Manwal*, Frank Duff tana ktejjeb jismu *True Devotion to Mary*. Imma forsi ftit jafu li, ma' dan il-ktejjeb, Frank Duff kiteb it-tewmi tiegħu *True Devotion to the Nation*. Għax hu dejjem emmen li Nisrani awtentiku huwa ċittadin onest u patrijott ħabrieki. Allura, fl-għagħna ta' valuri u hiliet li joffri l-Leġjun ta' Marija, wieħed jista' jsib riċetta mħawra għal ċittadinanza ta' kwalità.

L-istorja wriet li l-Leġjun huwa mezz effiċjenti għat-taħriġ inklussiv taċ-ċittadini. Din it-tip ta' formazzjoni hija mibnija fuq tliet kolonni prinċipali li huma:

- L-aspett soċjali
- L-aspett psikoloġiku
- L-aspett morali

Il-viżjoni tal-*Manwal* tal-Leġjun ta' Marija u l-għagħna tal-laqgħa ta' kull ġimgħa jinkorporaw dawn l-aspetti li jwasslu għal ċittadinanza attiva u responsabbli.

**L-aspett soċjali**

Fiż-żmien li fih twaqqaf il-Leġjun ta' Marija (1921) f'Dublin, L-Irlanda, is-sitwazzjoni soċjali, ekonomika u finanzjarja fil-pajjiż ma nistgħux ngħidu li kienet waħda feliċi. Il-faqar kien morsa bla ħniena għal ħafna – u numru kbir kellhom isibu refuġju fl-Istati Uniti tal-Amerka.

Ma' dan wieħed irid iqis it-taqbida għall-indipendenza mill-Ingilterra u, fuq kollox, il-firxa tal-mard. Għalhekk, il-prijorità tal-ewwel imseħbin, kienet dik li jtaffu xi ftit mit-tbatija tal-iktar imsejknin tal-poplu mhux biss billi joffrulhom kenn fil-*hostels*, imma wkoll li jaħsbulhom għall-konverżjoni spiritwali. Din ir-riċetta soċjo-spiritwali ġabet riżultati apprezzabbli.

Barra minn hekk iktar ma l-Leġjun beda jixtered, l-ewwel f'Dublin stess, imbagħad mal-Irlanda u 'l barra, iktar beda jidher ċar il-valur soċjali tiegħu. Il-gruppi tal-Leġjun, skont il-linji-gwida tal-*Manwal*, ġabu flimkien nies ta' kull razza, lewn, opinjoni u qagħda soċjali u hekk, il-membri bdew iħaddnu valuri bħal diversità, tolleranza, appoġġ u kooperazzjoni. Imkien ma deher b'iktar qawwa l-valur soċjali tal-Leġjun mill-esperjenza tal-Venerabbli Edel Quinn fl-Afrika tal-Lvant fejn il-ħidma tagħha ġabret ma' xulxin gruppi ta' Ewro-Afrikani li dejjem tqiesu bħala mifrudin perpetwi.



**L-aspett psikoloġiku**

Illum, is-saħħa mentali hi fuq fomm kulħadd. Il-Leġjun ta' Marija antiċipa din il-ħtieġa fost il-membri tiegħu minn kmieni. Moħħ san jippermetti lill-persuna tgħix ħajja iktar bilanċjata. Allura anke f'dan il-qasam il-Leġjun ħaseb biex jagħti lil-leġjunarji dak l-appoġġ psikoloġiku li l-bniedem ikollu bżonn.

Il-grupp innifsu jagħti struttura lill-ħidma li ssir u, għalhekk, il-membri jħossu li għandhom l-irfid meħtieġ fiż-żjarat li jagħmlu. Ma' dan wieħed irid isemmi li, il-ħidma leġjunarja, sew jekk fir-residenzi privati, sew fit-toroq, fid-djar tal-anzjani jew fl-isptarijiet u istituzzjonijiet, issir minn żewġ membri flimkien biex hekk ikunu ta' spalla psikoloġika għal xulxin.

Fuq kollox il-Leġjun iħarreġ il-membri tiegħu, iktar milli b'ħafna teoriji, permezz tas-sistema tal-Imgħallem u l-Apprentist fejn il-membri jitgħallmu l-prattika billi jidħlu mill-ewwel fl-azzjoni. Punt ieħor importanti huwa li, matul is-sena, il-Leġjun għandu diversi mumenti ta' inkontri li jsaħħu l-psikoloġija tal-grupp. Li wieħed iħoss sens ta' appartenenza u sikurezza jsaħħaħ il-psikoloġija individwali għax iħossu stmat u maħbub.

**L-aspett morali**

Dan l-aspett imur tajjeb ħafna mat-tnejn l-oħra u huwa ingredjent essenzjali għal riċetta ta' ċittadinanza awtentika. Il-moralità mħaddna u mħaddma mil-Leġjun ta' Marija hija dik mibnija fuq il-prinċipji tal-Evanġelju kif mgħallma mill-Knisja Kattolika.

Il-membri mhux biss jippruvaw jgħixu fuq din il-gwida morali, imma jħajru oħrajn biex isegwu l-istess triq. Ċittadini li jagħrfu jagħmlu għażliet infurmati bejn it-tajjeb u l-ħażin huma ta' benefiċċju għall-pajjiż.

F'dan ir-rigward il-Leġjun ta' Marija jifforma lill-membri tiegħu biex irawmu fihom kuxjenza mdawla mit-tagħlim ta' Sidna Ġesù Kristu. Dan jagħti assigurazzjoni kbira li ċittadini li għandhom bażi morali soda, ser iħallsu t-taxxa dovuta mingħajr ma jippruvaw jevadu, ser jitolbu ħlas ġust fil-kummerċ u fil-kera, ser jobdu r-regolamenti tat-traffiku u ser iħarsu l-ambjent u l-proprjetà privata billi jevitaw vandaliżmu u delinkwenza u anke billi jisseparaw l-iskart mid-dar stess.

Iktar minn hekk, fi kwistjonijiet iktar serji bħall-abort u l-ewtanasja, il-leġjunarju jagħti prijorità assoluta lill-valur tal-ħajja li s-Sid tagħha huwa Alla biss.

Għall-kuntrarju ta' kif jirraġunaw xi whud li jridu jwarrbu l-moralità Kristjana mill-isfera soċjali jew mill-bitħa tal-Ġentili, il-preżenza ta' ċittadini ffurmati b'dan il-mod, huma ta' benefiċċju kbir għall-komunità.

Il-formazzjoni psiko-soċjali li joffri l-Leġjun ta' Marija, imħawra b'moralità evanġelika hija garanzija biex il-pajjiż ikollu ċittadini li jista' jorbot fuqhom, nies bis-sens li ma jinħakmux mill-estremi tal-libertinaġġ u l-fundamentaliżmu.